MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2011

Numru 940/2009

Il-Pulizija
(Spettur Trevor Micallef)

vs

Raymund (Raymond) Azzopardi

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 194065(m), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-13 ta' Settembru 2009 ghal habta tas-6.00p.m. gewwa 'Marea', Triq Madre Margerita Debrincat, Pembroke, u/jew fil-vicinanzi:

1. bil-hsieb li jaghmel delitt cioe' minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-perikolu car, ittanta jikkommetti ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Rosaria Azzopardi u wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal-

esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;
2. ikkaguna biza' lil Rosalie Azzopardi li ser tintuza vjolenza kontrija jew kontra l-proprjeta' taghha;
3. qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;
4. saq il-vettura numru ta' registrazzjoni BBT 568 ta' l-ghamla Hyundai b'mod traskurat u perikoluz;

Il-Qorti mitluba illi f'kaz ta' htija tipprovdi ghall-garanzija ta' Rosalie Azzopardi skond l-Artikolu 383 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-kaz jittratta wiehed minn fost hafna li jigru bejn konjugi li jkunu qed jisseparaw minn xulxin, ghixu taht l-istess saqaf, u kawza l-inkeja, jaghtu aditu anke ghal proceduri kriminali bhal fil-kaz presenti b'akkuzi anke talvolta serji li jissibixxu ridimensjonament meta posti fil-perspettiva gusta taghhom. Dan hu kaz klassiku. L-imputat kellu jmur jigbor lil ibnu, rikeb il-vettura li kienet fil-garaxx u dan propju meta martu iddecidiet tahsel il-passagg li mill-garaxx jaghti ghat-triq. Difficli fil-fehma tal-Qorti li f'kazijiet bhal dawn tiddentifika 'il kif ikunu sehhew l-affarjiet, tafferma pero' li fil-maggjoranza tal-kazi iz-zewg partijiet jesageraw il-fatti jew jirridimensjonawhom skond kif jaqblilhom.

Trattati l-akkuzi: l-ewwel u l-aktar serja hi dik tal-attentat ta' ferita gravi fil waqt li hu allegat li l-imputat saq ghal fuq martu meta hareg il-vettura minn gewwa l-garaxx ghar-rampa li taghti ghat-triq. Rigward din il-Qorti tghid u tafferma li mill-provi ma tirrizulta ebda intenzjoni specifika

minn naha tal-imputat biex din l-akkuza tigi sostnuta. Il-provi f'dan il-kuntest, skond kif xehdet l-kwerelanta, huma fis-sens li l-imputat saq u hi kellha tersaq mal-gemb. F'dan l-istess kuntest il-Qorti mhux qeghda taghti rilevanza dwar dak li tistqarr l-kwerelanta li resqet fil-gemb ghaliex tghid hi 'indunat' li l-imputat kien ser 'jibqa ghaddej' li tibqa' biss ipotesi u kongettura priva, bhala minimu, ta' xi prova dwar 'il kif saq l-imputat u x'ghamlet hi biex resqet mal-gemb; l-istess ghat-tieni imputazzjoni li mhux avverrabli l-elementi li jsostnu r-reat taht il-lenti tal-Artikolu 251B (1) li fuqu jistrieh; dwar it-tielet u r-raba' m'hemm xejn mill-provi li jsostnihom.

Ghaldaqstant u nghad dan qeghdha ssib l-imputat mhux hati u tilliberah. F'kull kaz ghalhekk mhuwiex applikabbli l-Artikolu 383 et seq tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------